**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa pubblika tal-lokalita' tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2016, fis-6.30pm fl-Isptar il-Qadim, Triq San Innoċenzju, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |

Pubbliku:

Roderick Tonna
Giakkina Camilleri
Jonathan Dingli

1. Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Fid-diskors ta' ntroduzzjoni s-Sindku qalet illi saret xi ħaġa ta' kull jum li kulħadd jidħol fis-sit soċjali u jilmenta, iżda huwa tajjeb ukoll li flok immorru fuq *Facebook*, tkun organizzata l-laqgħa tal-lokalita' ħalli naraw xi jkunu jixtiequ ir-residenti. Minn naħa tagħna, se nieħdu nota ta' dan kollu minkejja li l-attendenza mhix tajba.

3. Jonathan Dingli ssuġġerixxa illi ġaladarba l-attendenza hija daqshekk miżera, il-laqgħa għandha tkun posposta. Hu żied jgħid illi kieku din tkun posposta għal xi ġurnata l-Ħadd fil-għodu, l-attendenza tkun akbar. Hu kompla jgħid li biex jiġi kellu jieħu l-*leave*.

4. Charlene Zammit qalet illi fil-passat kien hemm Kunsill illi waqqaf tinda fil-Pjazza tar-raħal biex ikun eqreb tan-nies u xorta ma kienetx suċċess mill-att ta' attendenza. Hija qalet illi minn naħa tagħna qassamna **avviż f'kull dar, poġġejna posters fin-notice boards u saħansitra ħabbarha l-Kappillan fil-Quddies tal-Ħadd.** Hija qalet ukoll illi dan tal-aħħar

ma setax ikun magħna għaliex qed jagħmel l-Eżerċizzi fil-lokalita' taż-Żejtun.

5. Intant il-pubbliċita' kienet ikkonfermata għaliex Jonathan Dingli sar jaf bil-laqgħa minn fuq *Facebook* filwaqt li Roderick Tonna sar jaf minn fuq in-*Notice Board* tal-KLM.

6. Intant id-Deputat Sindku qalet illi n-**nuqqas ta' attendenza fil-laqgħa tal-lokalita'** hija mifruxa fuq il-lokalitajiet kollha ta' Malta u Charlene Zammit qalet illi f'dik tal-Fgura kien hemm persuna waħda biss. Madankollu kien innutat illi meta għamilna laqgħa fuq il-post għal dawk il-persuni li joqgħodu wara l-ġibjun, (fuq in-naħa l-oħra tal-*By-Pass*) l-attendenza kienet tajba ħafna u n-nies ħarġu meta huma kellhom *issue* speċifika. Intant is-sena l-oħra kien hawn madwar ħmistax-il ruħ, minkejja li s-Sindku innotat illi n-nies ma jintervjenix fuq l-argumenti ta' xulxin.

7. Charlene Zammit qalet illi qed ikun hemm it-tgergir fuq in-nuqqas ta' ***parking* fi Triq Valletta** u Triq it-Torri Vincenti. Minn naħa tagħna ġibna l-Perit tal-KLM fuq il-post biex naraw x'inhi is-soluzzjoni u dan kien tal-parir illi jekk nistgħu ma nagħmlux kaxxi tal-parkeġġi, jkun aħjar għaliex mill-esperjenza tiegħu, meta jsiru dawn il-parkeġġi, jnaqqsu l-volum tal-parkeġġ. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'każ illi ssir laqgħa bħalma fil-passat kienet saret għar-residenti ta' Triq il-Parroċċa, ma' l-istess residenti ta' Triq Valletta u dawn per eżempju jaċċettaw li din il-parti ta' Triq Valletta ssir one way, allura jkunu jistgħu jipparkjaw diversi karozzi f'din it-triq u mhux se jtawwlu wisq it-traġitt.

8. Jonathan Dingli staqsa jekk it-**Torri tal-Wilġa** hux fil-konfini tagħna u x'qed isir minn naħa tagħna biex ikun restawrat. Anthony Bonello qal illi filwaqt li San Ġwann ta' Ħal Millieri kien fil-konfini tagħna u aktar tard għadda għand dak taż-Żurrieq, it-Torri tal-Wilġa ma kienx magħna u aktar tard konna rbaħnih lura. Hu qal illi teżisti *expropriation* antika u ma jistax jiġi skavat minn ġewwa għaliex ikun hemm il-possibilita' li jaqgħu il-ħitan tiegħu – skont informazzjoni li għandu l-KLM mis-Sovratendenza Wirt Kulturali.

9. Saret proposta minn Roderick Tonna biex titpoġġa ***sleeping policeman*** addizzjonali minn fi Triq Ħal Kirkop. Intant Grace Marie Mallia tat indirizz ta' persuna li toqgħod fl-istess triq li jidher li aċċettat li din titpoġġa quddiem ir-residenza tagħha. Charlene Zammit talbet f'isem xi residenti li ssir oħra fi Triq Ganni Darmanin. Aktar tard matul il-laqgħa Roderick Tonna qal li l-aħjar li din issir viċin il-mekkanik fi Triq Ħal Kirkop filwaqt li Charlene Zammit talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat ittra f'kull dar u jara jekk għandhomx

oġġezzjoni għaliha kemm dawk ta' Triq Ħal Kikrop kif ukoll dawk ta' Triq Ġanni Darmanin.

10. Jonathan Dingli talab *update* tat-talba tal-KLM dwar il-*pellican crossing* fi Triq tas-Sejba. Charlene Zammit qalet illi minn naħa tagħna qed nitolbu *zebra crossing* u ftit tal-ġimgħat ilu hija u s-Segretarju Eżekuttiv semmewha f'laqgħa mal-Ministru tat-Trasport. Hija qalet li qed nagħmlu insistenza dwar dan, minkejja li l-Onor Mizzi hu kontra li jsiru aktar ***pellican crossings*** madwar Malta, għax għaċ-ċokon ta' pajjiż, għandna wisq minnhom. Is-Sindku qalet illi għall-esiġenzi tar-raħal tagħna hemm bżonn li jsiru sett ta' *lights* oħra fil-*By-Pass*.

11. Għall-mistoqsija ta' Jonathan Dingli, is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li mill-att amministrattiv ma tistax tistenna li jkollok numru ta' **lampi maqtugħa** biex imbgħad tirrappurtahom lill-kuntrattur f'darba waħda biss ħalli tiffranka l-flus. Dan għaliex lampa waħda tista' toħloq biża u nuqqas kbir ta' sigurta' speċjalment f'toroq dojoq fiċ-ċentru fejn jgħixu bosta anzjani. Hawn Giakkina Camilleri semmiet is-*snatch and grab* li seħħ ftit tax-xhur ilu fit-triq tagħha u l-iskumdita' li għad għandha minkejja li kienet approvata l-lampa l-ġdida fi Triq il-Parroċċa. Din il-lampa minħabba burokrazija żejda għadha mhix ikkonnettjatha mal-linji tal-Korporazzjoni Enemalta. Charlene Zammit qalet illi tlabna li ssir aktar ronda mill-Pulizija fit-toroq tagħna wara li kien hemm każ ieħor simili fi Triq Karmenu Ciantar. Madankollu hija sostniet illi kważi kull jum qed ikun hawn pulizija fl-Għassa.

12. Jonathan Dingli qal illi kummenti li jidhru fuq *Facebook* bħal dak ta' Victoria Cutajar fejn qed tallega illi l-KLM qed jaqa' biċċa biċċa, huma kummenti xejn sbieħ. Charlene Zammit qalet illi is-Sinjura qed tippretendi li l-KLM jidħol f'art privata u jnaddafha. Is-Sindku semmiet illi s-sena li għaddiet madankollu kellna l-każ fejn bħala KLM rajna li minkejja li m'għandna l-ebda' poter fuq art privata, ma stajniex ma' nintervjenux fih. Hija semmiet ir-riskju li ħadna għaliex f'dan is-sit seta' kien hemm splussiv jew droga. Madankollu minħabba t-traskuraġni tan-nies ma stajniex nittolleraw iżjed min itebba' isem ir-raħal fil-*media* b'titli kbar fil-gazzetti bħal *Rat infestation* in Mqabba. Madankollu hemm ukoll diversi lokalitajiet oħrajn li issemmew fil-*media* dan l-aħħar minħabba infestazzjoni ta' ġrieden bħalma huma l-Birgu u tas-Sliema. Tajjeb jingħad ukoll illi hemm dipartiment apposta li hu nkarigat mill-iġjene bħalma huwa is-Sanita'. Is-Sindku qalet illi għall-ewwel darba ikkollaborajna bħala KLM u s-Sanita' sabiex ħallasna l-gwardjani lokali biex jassistu l-ħaddiema tas-Sanita' sakemm temmew b'suċċess **proġett pilota** ta' tpoġġija ta' valenu tal-ġrieden fil-*manholes* tad-drenaġġ kollha tal-Imqabba.

13. Jonathan Dingli qal illi biex issib min hu s-sid ta' propjeta' hu verament faċli għaliex bi pretenzjoni tista' tpoġġi tabella *For Sale* u malajr jitfaċċa. Intant Paul Spiteri qal illi par ġrieden huma kapaċi li f'sena joktru għal elf minħabba li jkattru malajr u jkollhom ħafna frieħ. Hu qal illi mhux suppost jintefa' l-valenu fi propjeta' privata u l-ħaddiema tal-valenu tal-ġrieden qed imorru fuq kull fejn ikun hemm rapport li hemm il-ġrieden. Issemmiet l-iskumdita' meta il-ġar li jkollu ġnejna jitilgħu siġar bi **friegħi kbar għal propjeta' ta' ħaddieħor**. Charlene Zammit qalet illi sid l-għalqa m'għandu l-ebda' dritt fuq il-friegħi li jiġu fuq il-propjeta' tiegħek.

14. Issemmew it-tliet (minn erba') *parking spaces* riżervati fi Sqaq San Mikiel u l-possibilita' li dawn isiru tlieta normali u wieħed riżervat. F'dan il-waqt Charlene Zammit qalet illi min għandu l-*blu badge* u joħroġlu l-permess, trid tagħmillu **parkeġġ riżervat** qrib ir-residenza tiegħu u fil-passat anke saħansitra neħħejna parkeġġ riżervat ta' tabib li ma kellux permess.

15. Fuq it-**trasport pubbliku** ssemmew ilmenti meta tal-linja ma jniżżlux l-istaffa l-baxxa għall-anzjani kif ukoll il-bżonn li npenġu *bus stop bay* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju għaliex qed ikun hemm il-vetturi privati pparkjati u sakemm m'hemmx indikazzjoni mod ieħor, dawn għandhom kull dritt.

16. Charlene Zammit semmiet il-proġetti li għandna kemm-il darba nikkwalifikaw għall-iskema nazzjonali ***Accessibility Plus*.** Dawn jikkonsistu f'rampi kemm fiċ-ċimiterju kif ukoll għall-kappella tad-Duluri. F'dan il-punt issemma' l-fatt li qed jitwaddab **ħafna skart** propju quddiem iċ-ċimiterju fejn hemm il-*bring in site*, fosthom ħafna ġlud u vdal tal-ħut. Hija qalet illi dan qed iġiegħlna nnaddfuh b'mod regolari. Hija semmiet is-sit ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, fejn is-Sindku kienet bagħtet ritratt lill-Pulizija u minn dak in-nhar l-iskart inqata'. Ħeġġet ukoll sabiex il-pubbliku jagħmel użu tajjeb mill-inizjattiva *Garby and Tidy* fejn jista' jintbgħat ir-ritratt fuq din l-*application* u dawn jieħdu ħsieb huma jneħħuh minn hemm. Roderick Tonna semma' li ntefa' saqqu f'għalqa abbandunata fi Triq iż-Żurrieq u dwar dan se naraw x'nistgħu nagħmlu.

17. Is-Sindku qalet ukoll li applikajna għat-tieni **ġibjun** u l-Mepa laqgħet it-talba tagħna biex dan isir fl-inħawi l-baxxi tal-Imqabba. Sadanittant kellna l-konferma tal-Ministru l-Onor Joe Mizzi illi Triq il-Friefet u Triq George Martin se tasfaltahom *Transport Malta* sal-aħħar ta' din is-sena.

18. Roderick Tonna talab xi **tibdil fuq ir-*reserved parking bays*** fil-Pjazza tal-Knisja għaliex meta jkun ipparkjat fuq dak preżenti qed joqgħodu jserħulu mal-karozza u jinkwieta li joborxuhielu. Hu talab ukoll li jsir **vent fuq arblu** li qed jinġibed bil-linji tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq Ħal Kirkop kif ukoll il-possibilita' li jinbnew il-**ħitan tas-sejjieħ** sew f'din it-triq minħabba li jistgħu jaqgħu għal fuq il-karozzi. Gerger ukoll għall-ambjent li rrenda ruħu fih Ġnien Tfal ir-Raħal, peress li fis-sajf qed ikun hemm burdell sħiħ bl-**għajjat.**

19. Charlene Zammit qalet wara l-inizjattiva minn naħa taħna biex kienu nstallati diversi doggy bins fir-raħal, issa se nwaħħlu diversi ***dust bins* ġodda** fil-Pjazza tal-Knisja. Jonatha Dingli staqsa jekk id-*doggy bins* jitbattlux jew le. Ir-risposta kienet fl-affermattiv u Charlene Zammit ħeġġet aktar lil dawk in-nies li l-ħin kollu jikkritikaw speċjalment fuq siti soċjali sabiex joħorġu huma stess bi proposti konkreti u suġġerimenti validi. Is-Sindku qalet illi madankollu jirriżulta illi meta jkun hemm *issue* in-nies jiġu bil-proposti tagħhom u fil-fatt is-sena l-oħra kien hemm l-*issue* tan-nemus fil-ġibjun u dan qanqal lil madwar ħmistax-il ruħ li attendew. Hija temmen ukoll li m'għandux ikun li wieħed joqgħod jistenna l-laqgħa pubblika biex jinqeda', iżda minflok għandu jaqbad u jċempel dak il-ħin stess kif jagħmlu lilha u wkoll lil Grace Marie Mallia malli jarawha fuq l-*istage* u jieqfu jkellmuha. Sa dal-għodu stess hija rrakkontat kif ċemplula għaliex hemm **tabella** fi Ġnien Tfal ir-Raħal li qed tiċċaqlaq u jinħtiġilha xi ftit manutenzjoni.

20. Paul Spiteri qal illi tajjeb li jingħad illi l-laqgħat tal-KLM huma kollha ***live streamed*** għal benefiċċju ta' min ikun qed isegwi minn daru, filwaqt li l-infurzar tal-liġijiet huma kollha fid-deskrizzjoni tal-awtoritajiet ċivili bħal pulizija u s-Sanita'. Hu rrakkonta li meta kien hemm iċ-ċint (*boundary wall*) f'Misraħ il-Fidwa, kienu jagħmlu burdell diversi żgħażagħ irresponsabbli. Dak iż-żmien il-KLM kien ħa deċiżjoni sabiex ineħħi iċ-ċint biex ma jibqa' mistur xejn u dan kellu impatt pożittiv.

21. Il-laqgħa ntemmet fit-20.00

magħmula minn Anthony Bonello

Segretarju Eżekuttiv